# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 30 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 569/00**

**Numru 25**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**John Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra mill-"pumping station" tal-Marfa, proprjeta' tal-Korporazzjoni, li l-konvenut qed jokkupa abbuzivament u minghajr ebda titolu fil-ligi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-7 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni ta' danni u/jew kumpens spettanti lill-Korporazzjoni attrici skond il-ligi.

Ghall-fini tal-kompetenza, jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ma jeccedix hames mitt lira maltija (Lm500) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) li biha eccepixxa:-

1. Illi d-domanda attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-eccipjent qieghed jokkupa pumping station fil-Marfa proprieta' tas-socjeta attrici.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kolllha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, fil-qasir u b'mod evidenti jirrisulta mix-xhieda ta:

a) Joseph Cachia (fol 9 et seq ibid) li esebixxa ukoll tmien ritratti in konnessjoni mal-post in kwistjoni (fol 9 sa fol 11 tal-atti);

b) l-istess konvenut John Formosa (fol 13 u fol 14 ibid);

c) Gaetano Zammit (fol 14 u fol 15 ibid) illi l-konvenut qed jokkupa, minghajr ebda titolu fil-ligi anzi b'mod abbusiv, il-post in kwistjoni li hu sottostanti l-parti fuq wara tal-istess "pumping station". In rigward dan, hu sufficjenti li jigi citat dak, li xehed l-istess konvenut ossija "Ma nistax nghid anzi ma rridx nghid li hemmhekk hu tieghi " u dak li stqarr l-imsemmi Gaetano Zammit ossija "Mistoqsi mill-Qorti ta' minn hu l-post li qed nuzaw, nghid li hu tal-ilma".

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talba attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenut qed jokkupa abbusivament u minghajr ebda titolu fil-ligi l-post in kwistjoni sottostanti l-parti fuq wara tal-imsemmija "pumping station" u kif murija fuq ir-ritratti a fol 11 tal-atti;

2) tordna lill-konvenut sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data tallum stess, jizgombra mill-istess post kif ghadu kemm gie deskritt.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru 1999 kontra l-istess konvenut u b'riserva "si et quatinus" ghal kull dritt iehor spettanti lill-istess Korporazzjoni attrici.

Alan Calleja
Deputat Registratur